MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Numru 176/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**V**

**SILVIO BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SILVIO BUTTIGIEG** ta' sebgha w ghoxrin sena bin John u Lourdes nee Calleja, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' April 1973 u residenti 27, Fuq Verdala, Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 244573M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, ikkommetta diversi serq liema atti gew maghrmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli mill-hanut bl-isem Knights Bar & Restaurant f'Wied il-Ghajn, fil-lejl ta' bejn l-hamsa w s-sitta ta' April 2000, flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti u xorb alkoholiku, Hi Fi

equipment li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

2. Talli f'Bugibba nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2000 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' handbag u cioe *snatch and grab*, kontenenti diversi oggetti personali li jiswew aktar minn hamsin lira maltin minn fuq il-persuna ta' Anna Scerri, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u dan peress li Anna Scerri kienet ghalqet l-eta ta' hamsa w sittin sena;

3. Talli f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

4. Talli fl-istess zminijiet, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-imsemmija stabbilimenti liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

5. Talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdila.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2001 [fol 15] sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar t-tnejn ta' April 2001 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 9].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.
Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Mejju 2005.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz zewg sentenzi moghtija wahda nhar l-ewwel ta' Gunju 1999 u l-ohra nhar l-hdax ta' Dicembru 1997 mill-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri [fol 17 u fol 28], sentenza moghtija mill-allura Magistrat Dottor David Scicluna nhar d-disgha ta' Novembru 1995 [fol 20], sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-hdax ta' Jannar 1993 [fol 25], sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Carol Peralta nhar l-ewwel ta' Dicembru 1997 [fol 31] kollha fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuza ta' serq minn Wied il-Ghajn bl-aggravju tal-mezz u hin fil-konfront ta' xorb alkoholiku u ta' serq minn fuaq il-persuna ta' Anna Scerri kif aggravat bi vjolenza izda mhux bil-valur u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti ssibu hati taghhom.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tielet akkuza inghatat b'mod alternattiva ghal ewwel zewg akkuzi.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm din il-kawza giet ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlettax ta' Marzu 2001, l-ewwel seduta li nzammet quddiemha kien fil-tlettax ta' Ottubru 2003.

Ikkunsidrat:

Illi **dwar l-ewwel akkuza**, din il-Qorti trid tezamina l-atti u tara jekk effettivamnet l-aggravju tal-valur jezistix u dan in vista tal-fatt li l-imputat ammetta l-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-mezz u tal-hin u mhux l-aggravju tal-valur.

L-**artikolu 26T tal-Kap 9**, jiddisponi li:

*"Is-serq huwa kkwalifikat bil-valur meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar min mitt lira maltin."*

Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq bhala xhud lix-xhud ewlieni taghha u cioe li d-derubat Alan Grima, u strahet biss fuq r-rapport li l-istess Alan Grima ghamel lil Ufficjal tal-Pulizija PS 1262 Spiridione Zammit

nhar l-hamsa ta' Mejju 2000 u cioe l-ghada tal-allegat serq.

Minn ezami tal-okkorrenza mehuda minn dan l-istess ufficjal, esibita fl-atti nhar t-tnejn ta' April 2001 [fol 36], jirrizulta li d-derubat kien irrapporta li mill-fond tieghu bl-isem 'Knights', sitwat fi Triq Sant'Antnin, M'Scala, xi persuna mhux maghrufa bejn il-lejl tal-hamsa w s-sitta ta' Mejju 2000 kien seraq numru t'oggetti fosthom converter, xi HiFi equipment, tabakk, flus u xorb alkoholiku.

Illi dwar din s-serqa, skond ma hemm imnizzel fl-okkorrenza ta' PS 1262 Spiridione Zammit, infethet inkjesta magisterjali pero minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li l-process verbal relattiv qatt gie esibit.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet <u>ebda</u> xhud iehor in sostenn ta' din l-akkuza, izda esebit l-istqarija rilaxxjata mill-imputat b'mod voluntarju a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar t-tmintax ta' Awissu 2000.

Illi minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat ammetta li dahal fl-istabbiliment in dezamina flimkien ma terzi persuni.  Stqarr li waqt li kien hemm hu u fil-presenza tieghu, insterqu biss xi tnax il-flixkun xorb li nbieghu l-ghada minnhom ghal prezz ta' hamsa w hamsin lira maltin cirka.

Illi semma wkoll li huwa kellu suspett li wara li saret din s-serqa, li l-ko-awtur ta' dan r-reat, reggha mar fuq il-post fl-assenza tieghu u possibilment ha l-oggetti l'ohra imsemmija fir-rapport tal-pulizija.

Il-Qorti ma thossx li tista tiskarta tali xhieda specjalemnt meta tidher li hija genwina u ma hiex kontradetta minn xi prova ohra.

Ghalhekk in vista ta' dak kollu il-Qorti hija tal-fehma li ghandha takkolji d-difiza mressqa fis-sens li l-aggravju tal-valur ma giex ppruvat.

**Dwar t-tieni serqa** minn fuq il-persuna ta' Anna Scerri, ma jidhirx li huwa tali li l-Qorti tikkummenta ulterjorment stante l-ammissjoni kompleta tal-imputat ghal din l-akkuza bl-aggravju taghha kif moghtija mill-Prosekuzzjoni.

**Dwar t-tielet akkuza** u cioe dik ta' ricettazzjoni, il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li din inghatat b'mod alternattiv ghal zewg akkuzi principali ta' serq u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

**Dwar r-raba akkuza** u cioe dik ta' hsara voluntarja, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi pjuttost fjakki ta' dan il-process, relatati ma l-ewwel akkuza u cioe tas-serq mill-fond bl-isem 'Knights', gewwa M'Scala u jirrizulta minn dak li qal s-Surgent PS 1262 Spiridione Zammit u l-imputat stess, li gew kagjonata hsarat konsistenti fi tkissir ta' tieqa minn fejn allegatament ottjenew d-dhul l-malviventi, tant li l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li l-ko-awtur kisser il-hgiega quddiem ghajnejh waqt li kien hdejh jistennew biex jidhlu.

Illi pero, mill-atti ma jirrizultax kemm tiswa din t-tieqa u ghalhekk zgur ma jirrizultax l-valur tal-hsara kogjonata.
Dwar il-hsara reklamata, il-Qorti ghalhekk trid tara jekk d-danni voluntarji sarux bhala mezz ghal fini jew jekk kienx hemm hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jinkiseb access ghal fond, allura r-reat jista jikkonfigura ruhu xorta wahda *on its own merit* u ma jkunx jista jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17h tal-Kodici Kriminali.

Dan is-sub inciz jiddisponi hekk:

*"Meta zewg reati jew izjed li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-rear l-aktar gravi."*

Mid-dicitura tal-ligi, johrog car li fejn jinholqu dawn c-cirkostanzi, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghal fini tal-piena biss, din tigi assorbita f'dak r-reat aktar gavi, imma r-reat per se jissusisti, imma l-piena tieghu tigi assorbita f'pieni ohra akbar.

Fi kliem l-**Professur Mamo** - ***Notes on Criminal Laws*** - [Part 1 - pag. 167- 1963 Edit]:

*"…where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime [e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence] and are linked to one another by the nexus or means to an end, these although each of the several offences, retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded. This is of the application of the method of 'assorbimento'.*

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat stess, li l-hsara kongjonata kienet relatata w intiza biss ghal fini tal-isgass, konsistenti fi ksur ta' hgiega ta' tieqa. Ghalhekk f'dan l-kaz, il-hsara kienet sinonima mal-kwalifika tal-mezz tar-reat tas-serq u kommessa ghall-istess fini [vide **Il-Pulizija v Vincent Calleja *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Marzu 2002***].

Konsegwentement l-akkuza ta' hsara voluntarja per se distinta mill-aggravju tal-mezz moghti dwar l-ewwel serqa tal-fond 'Knights' f'M'Scala ma tezistix.

Jibqa ghalhekk **l-hames akkuza** u cioe dik ta' recidiva.

Minn ezami akkurat tal-process jirrizulta li l-Prosekuzzjoni esibit hames sentenzi moghtija mill-Qrati nostrana taghna li gew mmarkati bhala dokumenti DS 4, DS 5, DS 6, DS 7 u DS 8 [fol 17 et seq].

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2001, **xehed l-Ex Supretendent Raymond Zammit** li kkonferma l-identita tal-imputat fil-konfront tas-sentenza mmarkata bhala dokument DS 6 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hdax ta' Jannar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija v Nazzareno sive Reno Zarb u Silvio Buttigieg. Huwa gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna li kienet inghatat din s-sentenza fil-konfront tieghu fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur w Investigattiv.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll.

**Dwar il-piena**:

Id-Difiza sostniet li l-Qorti m'ghandhiex tkun iebsa mal-imputat fl-ghoti tal-piena taghha u dan ghaliex l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni, l-ammont ta' serq quo valur kien *de minimis* w inoltre, huwa diga gie trattat bhala recidiv f'sentenzi ohra u ghalhekk peress li din l-akkuza thalli diskrezzjoni fuq il-Qorti ghall-applikazzjoni ta zieda fil-pieni, din il-Qorti m'ghandiex tordna zieda bi grad jew tnejn fil-piena taghha.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra sostniet li ghalkemm huwa veru li l-imputat ikkopera, l-imputat huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti ghandha tindirizza dawn il-fatturi.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn il-Qorti thoss li ghandha tikkummenta ftit dwar t-tifsira ta' recidiva kif previst fis-sistema legali taghna in vista ta' dak li gie sottomess mill-partijiet.

Recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghal kontenut objettiv la tar-reat precedenti [kif donnha sostniet id-Difiza] u lanqas tar-reat attwali [kif fissret il-Prosekuzzjoni].

L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita tal-hati u jgib r-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghal fatt l-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w

ir-recidiv ma jista jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet kkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor.  Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Izda mbaghad hemm l-artikolu 289 tal-Kap 9 li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta' meta wiehed ikun gia gie kkundannat ghal reat jerga jigi, kkundannat ghal reat iehor u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta' zmien.

L-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 jitkellmu dwar r-recivida b'mod generali ghal kwalunkwe tip ta' reat u delitt.

L-artikolu 289 tal-Kap 9 jitkellem mill-banda l-ohra, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu ma hemm ebda limitazzjoni ta' zmien.  Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu.

L-effetti tar-recidiva ma huwiex li l-istess persuna qed tigi punita darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun gia giet moghtija piena, izda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tigi punita ghal fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghal istess fatt, izda ghal ewwel darba u bla precedenti.

Issa ma hemmx dubbju, li l-imputat huwa recidiv kemm ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 wkoll skond l-artikolu 289(1) tal-Kap 9.

Huwa veru li sa certu punt, l-imputat ikkopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni u dan qed jinghad in vista tan-natura tal-istqarrija rilaxxjata minnu.  Pero dam zmien twil u konsiderevoli sabiex jirregistra ammissjoni fil-proceduri quddiem il-Qorti u b'hekk ma ghenx lil Qorti b'ebda mod sabiex tekonomizza l-hin prezzjuz taghha.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha taghti widen ghal din il-ko-operazzjonni bhala cirkostanza li tghin fil-mitigazzjoni fil-piena.

Il-Qorti thoss li l-akkuzi maghmula fuq nies ta' eta avvanzata huma reati aborrenti f'din is-socjeta u sfortunatament dan t-tip ta' reati qed jizdiedu bhal fil-kaz in ezami ta' Anna Scerri.

Il-Qorti thoss li ghandha tipprotegi din il-parti tas-socjeta fejn anzjani jigu attakkati waqt li huma jkunu qed jghixu ghall-affari taghhom minghajr ma jdejjqu lil hadd.

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li ghalkemm l-imputat ghandu biss tnejn u tletin sena, mis-sena 1990 sas-sena 1999 huwa nstab hati ta' tnax l-akkuza fuq r-reati relatati ma diversi serqiet, hsara voluntarja, ricettazzjoni, offizi fuq ufficjali nkarigati minn servizz pubbliku, pussess eta' droga Cannabis u Eroina, meta nghata diversi pieni fosthom gie kkundannat wkoll multi, inghata probation, sentenzi sospizi u prigunerija effettiva u dan nonostante ma tghallimx ghaliex rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.
Illi l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 276, 276(a), 277, 278, 279, 280, 281, 289, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>ssib lil imputat SILVIO BUTTIGIEG hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-vjolenza in kwantu tirreferi ghal akkuza ta' serq minn fuq il-persuna ta' Anna Scerri, u ta' serq aggravat bil-mezz u bil-hin in kwantu tirriferi ghas-serqa ta' M'Scala u talli huwa recidiv</u> u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tletin [30] xahar u tiddikjara li <u>ma ssibux hati tal-aggravju tal-valur tar-reat ta' serq dwar l-akkuza mill-fond 'Knights' f'M'Scala u ta' hsara voluntarja</u> u tilliberah minnhom.**

**Tiddikjara wkoll li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------